31963D0491

24.8.1963 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 130/2303

# ID-DEĊIŻJONI
## ta' l-10 ta' Lulju 1963
## li tispeċifika l-istituzzjoni responsabbli mill-pagament ta' benefiċċji previsti fl-iskema tal-pensjonijiet

(63/46/Euratom)

(63/491/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITÀ EWROPEA GĦALL-ENERĠIJA ATOMIKA,

IL-KUMITAT TAL-PRESIDENTI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-FAĦAM U L-AZZAR,

Il-KUNSILL TAL-KOMUNITÀ EKONOMIKA EWROPEA,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament dwar ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Komunità' Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, u b'mod partikolari l-Artikolu 45 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 43 tal-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg:

Wara li kkunsidraw r-Regolament Nru 31 (KEE), 11 (KEEA) dwar ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Komunità Ekonomika Ewropea u tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 45 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti taL-Persunal u l-Artikolu 43 tal-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg:

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

### *Artikolu 1*

L-istituzzjonijiet speċifikati hawn taħt għandhom ikunu responsabbli għall-pagament tal-benefiċċji previsti fl-iskema tal-pensjonijiet għall-uffiċjali u taħt it-Titolu II, Kapitlu 6, Taqsimiet B u Ċ tal-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg applikabbli għall-aġenti oħra tal-Komunitajiet:

1. *Għall-uffiċjali u l-persunal fuq bażi temporanja tal-Kummissjoni tal-Komunità Ewropea:*

   Il-Kummissjoni tal-Komunità Ekonomika Ewropea:

2. *Għall-uffiċjali u l-persunal fuq bażi temporanja tal-Kummissjoni tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika:*

   Il-Kummissjoni tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika:

3. *Għall-uffiċjali u l-persunal fuq bażi temporanja ta' l-Awtorità Għolja:*

   L-Awtorità Għolja (Fond tal-Pensjoni):

4. *Għall-uffiċjali ta' l-istituzzjoniet jew organi komuni li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet transitorji tar-regolamenti tal-persunal tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar:*

   L-Awtorità Għolja (Fond tal-Pensjoni):

([1]) ĠU C 45, ta' l-14.6.1962, p. 1385.

5. *Għal uffiċjali oħra u persunal fuq bażi temporanja ta' l-istituzzjonijiet jew aġenziji komuni:*

Il-Kummissjoni tal-Komunità Ekonomika Ewropea.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1962.

Magħmula, fl-10 ta' Lulju 1963.

| *Għall-Kumitat tal-Presidenti* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| A. M. DONNER | J. M. A. H. LUNS |